

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta ⁽¹⁾**Barraxa tal-azzar (Pometon)****(AT.39792)**

(2016/C 366/03)

Dan il-każ jikkonċerna ksur tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE li jikkonsisti f'koordinazzjoni tal-prezzijiet madwar iż-ŻEE kollha fis-settur tal-barraxa tal-azzar.

Dan il-każ huwa każ ta' kartell ibridu. Il-Kummissjoni diġà adottat, fit-2 ta' April 2014, deċiżjoni indirizzata lil erba' impriżi li għażlu l-proċedura għas-saldu tal-kartell ("id-Deċiżjoni ta' Saldu") ⁽²⁾. Dan l-abbozz ta' deċiżjoni huwa indirizzat lil Pometon S.p.A. ("Pometon"), li ma ppreżentatx sottomissjoni ta' saldu.

Fit-3 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ("DO") kontra Pometon, li ġiet innotifikata lil Pometon fil-5 ta' Diċembru 2014. Fid-DO, il-Kummissjoni esprimiet l-opinjoni preliminari tagħha li Pometon ikkoordinat il-prezz tal-barraxa tal-azzar fiż-ŻEE. B'mod partikolari, id-DO ikkonkluda b'mod preliminari li Pometon ikkonfokka ma' partijiet oħrajn dwar komponent ewlieni tal-prezz tal-barraxa tal-azzar, is-soprataxxa għar-ruttam, fiż-ŻEE u qablet ukoll ma' dawk il-partijiet biex ma jikkompetux fil-prezzijiet fir-rigward ta' klijenti individwali. Il-Kummissjoni kkonstatat li l-allegat ksur seħħ mit-3 ta' Ottubru 2003 sas-16 ta' Mejju 2007. Fid-DO, il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li timponi multi fuq Pometon skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament 1/2003 ⁽³⁾.

Pometon ngħatat aċċess għall-fajl fil-bini tal-Kummissjoni fit-18 u d-19 ta' Diċembru 2014 kif ukoll permezz ta' CD-ROM fid-19 ta' Diċembru 2014 u ngħatat skadenza ta' sitt ġimgħat biex twieġeb għad-DO, liema skadenza ġiet estiża fuq talba tagħha b'ġimgħatejn, sas-16 ta' Frar 2015. Pometon wieġbet għad-DO fit-13 ta' Frar 2015 b'talba għal seduta orali.

Waqt is-seduta, li saret fis-17 ta' April 2015, Pometon, b'żieda mal-argumenti żviluppati fir-risposta bil-miktub tagħha għad-DO, qajmet tħassib fir-rigward tat-trattament imparzjali tal-każijiet tagħha u l-preżunzjoni ta' innoċenza. L-ewwel nett, Pometon ilmentat li d-Deċiżjoni ta' Saldu kien fiha referenzi għaliha mhux meħtieġa. It-tieni, Pometon ilmentat li fit-23 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit web tagħha verżjoni mhux kunfidenzjali provviżorja tad-Deċiżjoni ta' Saldu li minnha l-isem ta' Pometon ma tneħħiex. Dik il-verżjoni baqgħet aċċessibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni sas-6 ta' Jannar 2015, id-data li fiha hija ġiet issostitwita minn verżjoni ġdida mhux kunfidenzjali provviżorja, li fiha l-isem Pometon ġie sostitwit minn "[impriża oħra]". Id-Direttur tad-Direttorat dwar il-Kartelli rrisponda t-tieni argument ta' Pometon waqt is-seduta, u talab apoloġija għall-iżball uman li minħabba fih seħħ l-iżvelar mhux intenzjonat, filwaqt li assigura lil Pometon li l-inċident ma jbiddux il-valutazzjoni imparzjali mill-Kummissjoni fil-każ Pometon.

Kif il-Qorti Ġenerali reċentement ikkonfermat ⁽⁴⁾, f'każ ta' kartell ibridu, il-proċedimenti ta' saldu għall-partijiet li jagħżlu s-saldu, u l-proċedura standard għal partijiet li ma jagħżlux is-saldu, huma żewġ proċeduri separati. Għalhekk ma tista' tingħbed l-ebda konklużjoni dwar il-ħtija ta' Pometon mid-Deċiżjoni ta' Saldu. Barra minn hekk, jirriżulta mill-premessa 29 u mid-dokument imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32 tad-Deċiżjoni ta' Saldu li d-data tal-bidu tal-parteċipazzjoni fil-ksur tal-parti li għażlet is-saldu, MtS ⁽⁵⁾, kif ikkonstatat fid-Deċiżjoni ta' Saldu, hija bbażata fuq ittra bil-posta elettronika minn wieħed mill-manigġers ta' Pometon b'dik id-data. B'hekk sar inevitabbli li jissemma li Pometon kienet waħda mill-parteċipanti tal-laġġa tat-3 ta' Ottubru 2003 u fil-kuntatti sussegwenti. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Saldu tindika fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 li hija mhix indirizzata lil Pometon, li r-referenzi għal Pometon fid-deskrizzjonijiet fattwali kienu użati biss sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-partijiet li għażlu s-saldu, u li l-proċedimenti kontra Pometon kienu għadhom pendenti. Jien għalhekk nikkunsidra li d-dritt ta' Pometon għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza ma ġiex miksur bir-referenzi għal Pometon fid-Deċiżjoni ta' Saldu.

Fl-aħħar nett, fil-fehma tiegħi, l-apoloġija u l-assigurazzjoni mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni waqt is-seduta jikkostitwixxi reazzjoni adegwata għall-iżvelar mhux intenzjonat tal-isem ta' Pometon fil-verżjoni mhux kunfidenzjali provviżorja tad-Deċiżjoni ta' Saldu, ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 2014, minħabba li l-iżvelar kien riżultat ta' żball uman.

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

⁽²⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2074 finali tat-2 ta' April 2014, pubblikazzjoni sommarja, ĠU C 362, 14.10.2014, p. 8 u r-rapport finali tal-uffiċjal tas-seduta (ĠU C 362, 14.10.2014, p. 7).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

⁽⁴⁾ Sentenza *Timab Industries u CFPR v il-Kummissjoni*, T-456/10, EU:T:2015:296, paragrafi 71 u 72.

⁽⁵⁾ Metalltechnik Schmidt GmbH & Co. KG.

F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jien eżaminajt jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jittrattax biss l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom Pometon ingħatat l-opportunità li tesprimi l-opinjonijiet tagħha. Nikkonkludi li dan hu minnu.

Bħala konklużjoni ġenerali, nikkonsidra li f'dan il-każ, l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali ġie rispettat.

Brussell, l-24 ta' Mejju 2016.

Wouter WILS
